# Kumitat Amministrattiv FLEUR-DE-LYS

## Kunsill Lokali Birkirkara

Minuti tal-20 laqgħa tat-Tieni Kumitat Amministrattiv ta' Fleur-de-lys li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara nhar it-Tnejn 11 ta' Lulju 2016, fil-5.00 p.m.

| | **Il-Membri** |
|---|---|
| **Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Ta' Fleur-de-lys** | Dott. Francesca Zarb |
| **Membri tal-Kumitat Amministrattiv** | Is-Sur Lino Camilleri (Assent)<br>Is-Sur Anthony Gatt (Assent Skużat)<br>Is-Sinjura Helen Montebello |
| **Sindku tal-Kunsill Lokali Birkirkara** | Is-Sinjura Joanne Debono Grech (Assenta skużata) |
| **L-Uffiċċjal** | |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Neil Spiteri |

Għall-għoxrin laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv kienu preżenti ċ-*chairperson* Dott. Francesca Zarb, u s-Sinjura Helen Montebello. Is-Sur Anthony Gatt kien assent skużat waqt li s-Sur Lino Camilleri kien assenti.

Għal din il-laqgħa ma kienx hemm il-preżenza tal-pubbliku.

1. **Talba**

   Il-laqgħa bdiet billi ċ-*Chairperson*, Dott. Francesca Zarb qalet it-talba.

   Ġie nnutat illi l-laqgħa numru 19 ma seħħitx f'Ġunju minħabba nuqqas ta' kworum. Anke jekk għal darba oħra ma kienx hawn kworum, il-laqgħa kellha din id-darba ssir.

2. **Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 18**

   Il-minuti tat-18-il laqgħa tqassmu ma' l-aġenda u ttieħdu bħala moqrija. Ma kienx hemm korrezzjonijiet biċ-*Chairperson* Dott. Francesca Zarb pproponiet li l-minuti jiġu approvati. Is-Sinjura Helen Montebello ssekondat u l-minuti ġew approvati u ffirmati.

3. **Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw mill-minuti.**

Rigward Fleur de Lys Gate is-Segretarju Eżekuttiv rrapporta li tkellem mal-kuntrattur u mhix konswitutni illi fuq dik it-tip ta' ġebla jingħata żejt jew spirtu.

4. ***Matters Arising***

Iċ- *Chairperson* Dott. Francesca Zarb pproponiet illi l-attivita' Ġieħ Fleur de Lys għas-sena d-dieħla ssir fit-23 ta' Ġunju 2017. Is-Segretarju Eżekuttiv se jipprova jġib *no objection* biex l-attivita' ssir fil-Ġnien ta' Fleur de Lys.

Is-Sinjura Helen Montebello lmentat li fil-kantuniera ta' Triq Vlontin qed jinxteħet skart.

Iż-żewġ membri tal-Kumitat preżenti reġgħu tkellmu dwar il-problemi li qed ikun hemm ħdejn l-iScotts u s-Segretarju Eżekuttiv se jerġa' jikteb il-Pulizija.

5. **Aġġornament**

Il-laqgħa spiccat fil-5.30pm u ġiet aġġornata *sine die*. F'Awwissu mhix se ssir il-laqgħa minħabba illi ħafna membri mhux se jkunu disponibbli u għaldaqstant il-laqgħa li jmiss mistennija ssir f'Settembru.

Dott. Francesca Zarb

*Chairperson*

Neil Spiteri

Segretarju tal-Kumitat Amministrattiv